MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 631/2007

Giovanna **BUĠEJA,** Lawrence Buġeja, Mario Buġeja, Anthony Buġeja, Joyce Scicluna, Pauline Buġeja u Carmen Galea bħala l-leġittimi eredi tal-mejjet Lawrence Buġeja

vs.

Joseph **FARRUGIA** u Fransina Paċe

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-26 ta' Marzu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, rikorrenti talbu li (1) din il-Qorti tiddeċiedi l-kawża mingħajr is-smigħ u (2) li tordna t-tneħħija taż-żewġ intimati mill-fond numru sitta u disgħin (96), Triq Għar il-Ġobon, Birkirkara, billi qegħdin joqogħdu fih bla ebda jedd, u dan billi l-Qorti tagħtihom żmien qasir u li ma jinbidilx biex joħorġu minn dak il-post. Talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata lill-intimati;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum mill-intimat Joseph Farrugia li biha iddikjara li huwa ma kienx qed jikkontesta t-talbiet attriċi;

Rat li l-intimata l-oħra, Fransina Paċe, għalkemm notifikata, naqset li tidher għas-smigħ minkejja li l-kawża ngħajtet għadd ta' drabi f'ħinijiet differenti;

Semgħet l-Avukat tar-rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati, in parti wkoll bl-ammissjoni ta' l-intimat Farrugia;

Fil-kontumaċja ta' l-intimata Fransina Paċe u fuq l-ammisjoni ta' l-intimat Joseph Farrugia tiddeċiedi billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u għalhekk tgħaddi biex taqta' l-kawża mingħajr smigħ;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tordna l-iżgumbrament ta' l-intimati Farruġia u Paċe mill-Fond Numru sitta u disgħin (96), Triq Għar il-Ġobon, Birkirkara, fi żmien tletin (30) jum mil-lum.

3. Tikkundanna lill-intimati jħallsu bejniethom l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------